MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 196/2011

**GO plc – C-22334**

**vs**

**Saviour Cachia – ID-271481(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet lill-konvenut ihallas lill-istess Socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija hamsa u tletin Euro u sitta u sittin centezmu (€935.66c), in konnessjoni ma' diversi servizzi (*AC40101081*).

Illi interpellat diversi drabli sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti mehmuza, Dok. A, li huwa prospett *AC40101081*, Dok. B, li huwa kuntratt datat 22 ta' April, 2009, u Dok. C, li huwa estratt mir-registru elettorali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija hamsa u tletin Ewro u sitta u sittin centezmu (€935.66c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------